Dispożittiv

1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-miżuri leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2003, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll fuq il-perikoli ta' aċċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikoluż, ir-Renju tal-Belġju naqas mill-obbligi tiegħu skond din id-direttiva.

2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-15 ta' Mejju 2007 — Ricosmos vs Il-Kummissjoni

(Kawża C 420/05 P)

"Appell — Kodiċi doganali — Operazzjoni ta' tranżitu Komunitarju estern — Remissjoni ta' dazji fuq l-importazzjoni — Kundizzjonijiet — Osservanza tat-termini — Drittijiet tad-difiża — Prinċipju ta' proporzjonalità — Kunċett ta' negliġenza manifesta — Appell f'parti manifestament inammissibbli u f'parti manifestament infondat"

1. *Appell — Motivi — Motiv mhux sostnut minn argument ġuridiku — Inammissibbiltà (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1)(c) (ara l-punti 64, 70, 116, 120, 161, 165, 166)*

2. *Appell — Motivi — Sempliċi repetizzjoni tal-motivi u l-argumenti mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza — Inammissibbiltà — Kontestazzjoni ta' l-interpretazzjoni jew ta' l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju mwettqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza — Ammissibbiltà (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1)(c)) (ara l-punti 71, 72, 80, 81, 90, 102, 112, 168)*

3. *Appell — Motivi — Motiv ippreżentat għall-ewwel darba fil-kuntest ta' l-appell — Inammissibbiltà (ara l-punt 74)*

4. *Appell — Preżentata ta' argumenti ġodda matul l-istanza (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 42(2) u 118) (ara l-punti 76, 137)*

5. *Riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej — Rimbors jew remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 2454/93, Artikoli 905 u 906a) (ara l-punti 84-86)*

6. *Appell — Motivi — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-evalwazzjoni ta' l-elementi ta' fatt u ta' prova — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturazzjoni (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 58) (ara l-punti 95, 96, 105, 115, 119, 131, 142, 148, 158, 171)*

7. *Riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej — Rimbors jew remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92, Artikolu 239(1) (ara l-punti 113, 114, 118, 121, 122, 134-136, 138, 143, 144)*

8. *Appell — Motivi — Motiv indirizzat kontra d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fuq l-ispejjeż — Inammissibbiltà fil-każ ta' ċaħda tal-motivi l-oħra kollha (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 58 (ara l-punt 174)*

Suġġett

Appell imressaq kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tat-13 ta' Settembru 2005, Ricosmos BV vs Il-Kummissjoni (T-53/02), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet it-talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (REM 09/00), tas-16 ta' Novembru 2001, li tindika lill-awtoritajiet Olandiżi li m'għandhiex tingħata remissjoni tad-dazju fuq l-importazzjoni fir-rigward ta' kunsinna ta' sigaretti ddestinata għar-Repubblika Ċeka, peress li frodi magħmula minn terzi persuni fil-kuntest ta' operazzjoni ta' tranżitu Komunitarju estern ma tikkostitwixxix sitwazzjoni partikolari li tiġġustifika r-remissjoni tad-dazju fuq l-importazzjoni.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ricosmos BV hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-23 ta' Mejju 2007 — Greser vs Bundesagentur für Arbeit

(Kawża C-438/06)

"Rinviju preliminari — Inammissibbiltà manifesta"

Domandi preliminari — Ammissibbiltà — Domandi magħmula mingħajr preċiżjoni suffiċjenti fuq il-kuntest fattwali u regolamentari (Artikolu 234 KE) (ara l-punti 6-11)